MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 315/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni barra miz-zwieg ta' cirka sitt snin mal-konvenut minn liema relazzjoni il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' E F li twieled nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 2008 u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tifel minuri hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';
2. Illi recentament u cioe' fil-11 ta' Awissu 2010, il-konvenut informa lir-rikorrenti li kien ser jitlaq minn Malta permezz ta' messagg in iskritt fuq il-pagna tal-face-book

tal-attrici waqt li l-istess konvenut kien qieghed fis-sala tal-partenza tal-ajruport internazzjonali f'Hal-Luqa u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B';

3. Illi fl-istess dokument hawn anness, l-konvenut "inter alia" stqarr mal-attrici li ma jistax jghix aktar hawn Malta, minghajr ma ta ebda raguni u in oltre nforma wkoll lill-attrici li kien sahansitra halla l-vettura tieghu fil-parkegg tal-istess ajruport. Sussegwentement, l-attrici kkonfermat personalment li l-vettura tieghu kienet effettivament pparkjata fl-imsemmi parkegg;

4. Illi kif jista' jirrizulta mill-istess dokument anness u anke tul konverzazzjoni telefonika mal-attrici l-konvenut ma riedx jaghti ebda ndikazzjoni tal-pajjiz fejn ser imur jghix;

5. Illi l-attrici hija mgharrfa li l-konvenut ghandu hafna djun ma kredituri tan-negozju tieghu stante li l-istess konvenut kien jiggestixxi negozju ta' bar gewwa Bugibba u in oltre kien issellef anke somma flus fl-ammont ta' €25,000 minghand l-istess attrici;

6. Illi in vista ta' dan, ir-rikorrenti tixtieq li tigi regolata l-kura, l-kustodja u l-manteniment tat-tifel minuri;

7. Illi din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi bic-citazzjoni prevja konferma tal-ittra bil-gurament u prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti kemm-il darba jkun il-kaz, u dan kif jirrizulta mid-Digriet numru 1264/10 datat 19 ta' Awissu 2010 hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C', in segwitu ghall-ittra tal-medjazzjoni tal-attrici bin-numru 995/10 NC pprezentata fit-18 ta' Awissu 2010, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D';

8. Illli kontestwalment ma din il-kawza gie pprezentat ukoll rikors ghall-hatra tal-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti C D;

9. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri E F li twieled nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 2008, ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici ad

eskluzjoni tal-konvenut b'dana Ii l-istess Qorti ghandha wkoll tiddikjara u tordna li l-istess tifel minuri ghandu jghix flimkien mal-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;
2. Tiffissa manteniment xieraq ghat-tifel minuri EF
3. Tordna lill-istess konvenut ihallas dik is-somma hekk stabbilita kull xahar bhala manteniment ghall-istess tifel minuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat il-lista tax-xhieda ta'  l-attrici;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 2011 li permezz tieghu hatret lil Dr Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Noel Scerri bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jpprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentat.  F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u / jew numru tat-telephone tal-assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi Ii tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi kienet iltaqghet mal-konvenut u kienet bdiet relazzjoni mieghu.  Ghall-ewwel kien jahdem

maghha, izda kien juri certu irresponsabbilita f'xogholu u meta bdew jghixu flimkien, il-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament u kien baqa jaghmel dak illi kien irid u kien jogghbu. Illi kien ghalhekk illi l-attrici kienet itterminat ir-relazzjoni taghha mal-konvenut ghal xi zmien, izda wara ftit kienet regghet bdiet tohrog mal-konvenut u kienu anke marru jghixu f'post iehor flimkien, wara illi l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut.

Illi gara illi l-ewwel lejl illi raqdu fir-residenza il-gdida taghhom, il-konvenut kien telaq lill-attrici illi kellha hames xhur tqala u irritorna l-ghada filghodu fl-4.00a.m. L-attrici xehdet illi mhux l-ewwel darba illi l-konvenut refa jdejh fuqha u darba minnhom wara illi kellha it-tarbija il-konvenut kien sawwatha fil-pubbliku Bugibba, kien kissrilha imnehirha u kellha tmur l-isptar u kien ghalhekk illi kienet qalet lill-konvenut biex jitlaq mid-dar. L-attrici kompliet tixhed illi minkejja il-fatt illi il-konvenut kien jittrattaha b'dan il-mod, hija kienet ghinietu finanzjarjament u fethitlu bar Bugibba u b'kollox silfet l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) lill-konvenut. Fil-11 ta' Awissu 2010 l-attrici kienet xoghol San Pawl il-Bahar, ma kienitx ghadha tghix flimkien mal-konvenut, izda kienet qablet li takkomoda lill-bint il-konvenut maghha peress li bint il-konvenut kienet gejja btala Malta. Kienet fethet il-facebook u sabet messagg minghand il-konvenut, liema messagg jinsab esebit f'dawn l-atti, u f'dan il-messagg il-konvenut infurmaha li kien ser jitlaq minn Malta u ma qalilhiex fejn kien sejjer. Il-konvenut halla warajh kull ma kellu, inkluz in-negozju, il-hwejjeg, il-karozza, il-bar u halla wkoll hafna djun u qabel ma telaq lanqas biss ma qal lill-ibnu illi kien ser jitlaq minn Malta. L-attrici xehdet illi apparti mit-tifel illi ghandu maghha, il-konvenut ghandu zewgt itfal ohrajn minn zewg relazzjonijiet differenti u dejjem abbanduna ir-rwol tieghu ta' missier u qatt ma kien responsabbli bl-ebda mod ghall-uliedu. Hija ikkonkludiet ix-xiehda taghha billi qalet illi l-konvenut huwa egoist u dejjem naqas kemm lilha, kif ukoll lil binhom mill-imhabba u mir-rispett. Huwa telaq minn Malta u halla warajh djun fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000).

Il-Qorti rat illi xehed ukoll certu X XX, habib tal-konvenut meta il-konvenut kien jghix Malta. Huwa xehed illi l-konvenut huwa bniedem egoist u baqa hekk anke meta sar jaf li kien ser isir missier. Ix-xhud qal illi l-attrici kienet tqila bit-tarbija tal-konvenut, izda il-konvenut ipprefera jibqa johrog u jghix il-hajja ta’ guvni u kien jibqa barra sal-ghada filghodu. Huwa xehed illi l-attrici dejjem hadmet sabiex tghajjex lilha innifisha u lil binha minghajr l-ebda ghajnuna minghand il-konvenut. Ix-xhud semma l-incident illi kien inqala meta il-konvenut kien kiser imnieher l-attrici u ikkonferma illi l-attrici silfet lill-konvenut ammont konsiderevoli ta’ flus sabiex jiftah bar Bugibba. Ma dana kollu, wara li l-konvenut fetah il-bar, ir-relazzjoni bejnu u bejn l-attrici iddeterjorat hafna u ma baqghux jghixu flimkien.

Illi xehdet ukoll Josephine Yvonne XX illi ikkollaborat ix-xiehda ta’ X XX. Din ix-xhud qalet illi kienet saret taf illi l-konvenut kellu relazzjoni ma mara ohra, u dana wara illi kien twieled ibnu. Sussegwentement f’Awissu 2010, saret taf illi l-konvenut kien telaq l-Ingilterra ma din il-mara illi kellu relazzjoni maghha. Hija xehdet illi l-konvenut qatt ma ikkontribwixxa bl-ebda mod ghat-trobbija ta’ ibnu, anzi kienet l-attrici illi kienet tiffinanzja lill-konvenut u li dejjem hadmet biex tara li binha ma jkun jonqsu xejn. Il-Qorti rat illi l-attrici xehdet illi ma tafx fejn jinsab Alan Paul Clutterbuck u ma ghandha l-ebda indirizz jew numru tat-telephone tieghu.

Il-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenut qatt ma ikkomporta ruhu ta’ missier ma ibnu u dana peress illi mhux biss ma ikkontribwixxiex finanzjarjament ghall-ibnu, izda irrizulta illi qatt ma ha hsiebu, izda kien mohhu biss sabiex jigri barra u jiddeverti. Finalment huwa telaq minn Malta u halla lill-attrici u lill-ibnu jiffacjaw id-dejn tieghu li kien jammonta ghal hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) u qal lill-attrici b’dan kollu billi hallilha message fuq il-facebook.

Illi minn Awissu 2010 il-konvenut bl-ebda mod ma ipprova jikkuntattja lill-attrici u wisq anqas lill-ibnu.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenut mhuwiex missier responsabbli u ghaldaqstant qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara u tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri E F li twieled fid-19 ta' Lulju 2008, ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut u il-Qorti qeghda tiddikjara u tordna illi l-imsemmi tifel minuri ghandu jghix flimkien mal-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut. Il-Qorti qeghda tilqa` wkoll it-tieni talba attrici u tiffissa manteniment xieraq ghat-tifel minuri fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat. Il-Qorti tilqa` wkoll it-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas din is-somma kull erba` gimghat bhala manteniment ghall-imsemmi tifel minuri. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tordna illi l-ispejjez jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------